**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**17 ta' Jannar, 2021**

# LET US DREAM

Ftit jiem ilu ġie ppubblikat ktieb li ssawwar minn konverżazzjonijiet li kellu l-Papa mal-kittieb Ingliż, Austen Ivereigh. It-titlu tal-ktieb huwa *Let us Dream*. Il-Papa jitkellem fuq kif huwa kabbar l-interess tiegħu fl-imħabba li għandu jkollna għall-ħolqien. Fil-ktieb, il-Papa għamel stqarrijiet importanti li se nġibhom bl-Ingliż.

"The world is God's gift to us... If someone who loves you gives you a beautiful and valuable gift, how do you handle it? To treat it with contempt is to treat the giver with contempt".

Dwar kif kabbar l-interess tiegħu fl-ambjent, il-Papa jsemmi aħbar li qara li ġegħlitu jinkwieta iktar għall-ħolqien: "I started to see new stories: for example the government of a well-known island in the Pacific bought lands in Samoa to transfer its population there, because in 20 years time the island will be under water".




Fil-ktieb *Let us Dream*, il-Papa jsemmi li sar iktar konxju bil-problemi ekoloġiċi meta qara xi kitbiet tal-Patrijarka Bartilmew tal-Knisja Ortodossa.

"Slowly, like daybreak, an ecological vision began growing in me. I started to see the harmonious unity of humanity and nature, and how humanity's fate is inseparably bound up with that of our common home". Il-Papa talab l-għajnuna ta' xjentisti u teologi u dawn għenuh biex imbagħad kiteb l-enċiklika famuża *Laudato Si*. Fil-ktieb il-Papa jgħidilna li min iħares l-ambjent ikun qed ifittex il-ġid sħiħ tal-bniedem.

***L-Arċipriet***

**AVVIŻI OĦRA:**

**SAN BLAS:** il-membri tal-komunità ta' San Blas qalulna biex navżaw li għal din is-sena l-festa mhix se ssir, minħabba s-sitwazzjoni preżenti, bil-pandemija li għandna.

**AIR WALKER:** għal min jixtieq hawn xi ħadd li qed joffri air walker f'kundizzjoni tajba.

**ROKNA EKOLOĠIKA: EKUMENIŻMU EKOLOĠIKU**

Fi żmienna qed isiru bosta sforzi minn knejjes Kristjani diversi, li jaqblu fuq il-ħtieġa li nibżgħu għall-ħolqien. Kien il-patrijarka Ortodoss Demetrios li stabilixxa l-ewwel ta' Settembru ta' kull sena bħala jum ta' talb favur il-ħolqien. Din l-inizjattiva ssir fost l-Ortodossi.

**SENA ĊENTINARJA - 14:** Int li qed taqra, ġieli ħajrek xi ħadd għal xi praesidium tal-Leġjun ta' Marija, Bint Sant'Anna, Sultana tal-Familja jew Sultana tar-Rużarju? Staqsi u agħmel prova. Darb'oħra nsemmu oħrajn.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am